

# Ħal Għaxaq fi Żmien l-Imgħoddi

**Pawlu Buttigieg**

Permezz ta' din il-paġna se nerġgħu mmorru lura fiż-żmien tal-passat, żmien li għandu x'jaqsam mal-istorja tar-raħal tagħna, żmien ta' kif għexu l-Għaxqin fl-imgħoddi. Żmien differenti ħafna minn kif qed ngħixu aħna llum. Din hija informazzjoni interessanti ta' kif Ħal Għaxaq beda jkollu xi tip ta' dwal permezz tal-fanali tal-pitrolju fit-triqat u l-isqaqien tiegħu qabel ma ġie installat l-elettriku kif nafuh illum fil-gżejjer Maltin.

Kienet xi ħaġa ta' importanza li ssir f'Ħal Għaxaq, għax kienet bżonjuża ħafna u utli għar-raħal tagħna. Iltqajt ma' din il-pjanta (sketch plan casal Axiak) li tmur lura fis-sena 1907 fejn turi l-post ta' fejn għandhom jiġu mwaħħla fir-raħal il-fanali bil-lampi tal-pitrolju fihom. Dawn kienu qed isiru madwar Malta kollha mis-servizz Ingliż li dak iż-żmien kien jokkupa lil Malta.




Ta' interess ġenerali huwa li skont il-pjanta li qed tidher ma kinux saru madwar ir-raħal kollu, iżda dawn il-fanali ġew imwaħħla fil-pjazza mat-taraġ taz-zuntier, fi Triq Santa Marija u fil-bidu ta' Triq San Pawl wara l-knisja, u fi sqaqien prinċipali ta' dak iż-żmien. Dawn kienu sqaq San Karlu, Dun Ġużepp Naudi (mandraggio), Kunċizzjoni, Ġebelin u Sqaq Numru 2 Triq Santa Marija. Il-probabiltà li l-fanali ta' mad-dawra taz-zuntier kienu differenti mill-oħrajn għax kienu twal forma ta' arblu u li fuq nett kien jeħel il-fanal bil-lampa ġo fih, bħalma jidher fir-ritratt li qed nippubblikaw (immarkat ġo cirku). Il-fanali l-oħra tat-toroq kienu jkunu mwaħħlin mal-ħitan ta' xi binja. Il-pożizzjoni li kienu jwaħħluhom kienet tkun il-biċċa l-kbira f'xi kantuniera sabiex id-dawl tal-fanal jitgawda mit-triq u l-isqaq li kienu jmissu ma' xulxin.

Ta' min jinnota wkoll li kif jidher f'dan ir-ritratt, il-faċċata tal-knisja tal-Għaxqin qiegħda armata għal festa ta' San Ġużepp bil-lampi taż-żejt li kienu jkunu kkuluriti sabiex meta jinxtegħlu jagħtu aktar atmosfera festiva, x'aktarx fl-istess żmien ta' meta bdew jitwaħħlu dawn il-fanali fit-triqat ta' raħalna.



*Il-Knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq imżejna bil-lampi taż-żejt waqt il-festa ta' San Ġużepp fl-imgħoddi*

Għal ma' dan l-artiklu qed jiġu ppubblikati pjanti, kif ukoll Sketch Plan li turi kif kien ir-raħal fis-sena 1907 u fejn ġew proposti biex jitwaħħlu dawn il-fanali fil-postijiet addattati għal dak iż-żmien.

Pjanta (Nru 1) qed turi d-disinn tal-fanal bil-qisien tad-daqs li għandu jsir sabiex jitwaħħal mal-ħajt tal-binja fejn hemm indikat f'sketch plan.

Pjanta (nru 2) turi d-disinn ta' kif kienu jkunu l-lampi tal-pitrolju sabiex tkun tista' tidħol fil-fanal. Skont il-kitba ta' fuq il-pjanta hemm ukoll il-qies ta' kemm għandha tkun kbira l-fjamma.




*Id-disinn tal-fanali tal-pitrolju*




*Il-lampi tal-pitrolju*

